

- 5) It-talbiet għal analiżi kontradittorja li japplikaw, skont id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 16(2) u (5) tar-Regolament Nru 543/2008, għar-riżultati tal-kontrolli fil-biċċerji jistgħu jiġu estiżi għall-kontrolli mwettqa fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti esportati, u dan fil-preżenza tal-partijiet, skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

- 
- (<sup>1</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fdak li għandu x'jaqsam ma' l-standards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 157, p. 46).
- (<sup>2</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009, tas-7 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, p. 1).
- 

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2015 minn SolarWorld AG mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) fl-14 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-507/13, SolarWorld AG et vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-142/15 P)**

**(2015/C 190/05)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

Appellant: SolarWorld AG (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, J. Beck, Solicitor)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea,

Brandoni solare SpA,

Global Sun Ltd,

Silicio Solar, SAU,

Solaria Energia y Medio Ambiente, SA

**Talbiet tal-appellanti**

- tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;
- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġeneral fil-Kawża T-507/13;
- tiddikjara r-rikors għal annullament fil-Kawża T-507/13 ammissibbli; u
- tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġeneral għal-deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors għal annullament.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant ressqet l-argument li ġejjin:

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat li l-appellanti ma hijiex direttament ikkonċernata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE (<sup>1</sup>) għaliex id-deċiżjoni ma taffettwax direttamente is-sitwazzjoni ġuridika tal-appellanti u kienet suġġetta għal miżuri ta' implementazzjoni.

- Il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat li l-appellanti ma hijiex direttamente ikkonċernata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE għaliex ġiet implementata permezz tar-Regolament 748/2013 (<sup>2</sup>). Ir-Regolament 748/2013 huwa att konfermattiv tad-Deċiżjoni 2013/423/UE. Għaldaqstant, l-appellanti kellha *locus standi* sabiex tappella direttamente kontra d-Deċiżjoni 2013/423/UE.

- Il-Qorti Ġenerali ħadet żball meta kkonstatat li d-Deċiżjoni 2013/423/UE timplika miżuri ta' implementazzjoni, peress li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk il-Kummissjoni kellhiex setgħa diskrezzjonali fil-mument meta adottat ir-Regolament 748/2013 jew jekk l-implementazzjoni tad-Deċiżjoni 2013/423/UE kinitx purament awtomatika fil-konfront tal-appellant, li kien effettivament il-każ.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Awwissu 2013, li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri c-ċelloli u l-wejfers) li jorġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 209, p. 26).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Awwissu 2013, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 513/2013, li jimponi dazju provviżorju tal-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri c-ċelloli u l-wejfers) li jorġinaw jew jiġu kkonsenjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 209, p. 1).

---

**Appell ippreżzentat fit-30 ta' Marzu 2015 minn Naftiran Intertrade Co. (NICO) Sàrl mid-digriet  
mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba'Awla) fl-20 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-6/13, Naftiran Intertrade  
Co. (NICO) Sàrl vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-153/15 P)

(2015/C 190/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Appellant:** Naftiran Intertrade Co. (NICO) Sàrl (rappreżentanti: J. Grayston, Solicitor, P. Gjörter, avukat, G. Pandey, avukat, D. Rovetta, avukat, M. Gambardella, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellant

- tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2015 fil-Kawża T-6/13, Naftiran Intertrade Co. (NICO) Sàrl vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u tiddikjara r-rikors għall-annullament ammissibbli;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell preżenti.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant tinvoka żewġ aggravji marbuta mal-fatt li l-Qorti Ġenerali bbażat id-digriet appellat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi.

L-appellant ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni billi qieset, l-ewwel nett, li notifika individwali kompleta saret fid-19 ta' Ottubru 2012 u, it-tieni nett, li din in-notifika saret qabel il-pubblikazzjoni ta' notifika ġeneralis fis-serje C tal-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' Ottubru 2012.

Barra minn hekk, l-appellant tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi, l-ewwel nett, billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżit li n-notifika għandha tħinkludi motivazzjoni, it-tieni nett, billi kkonstatat li notifika individwali seta' jkollha l-effett li tqassar it-terminu għall-prezżentata ta' rikors ġudizzjarju kontra att legali tal-Unjoni Ewropea, it-tielet nett, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-konseguenzi legali tal-ġhażliet tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura ta' notifika u, ir-raba' nett, billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fehim leġittimu tad-dritt meta saret il-prezżentata tar-rikiors.